

Brussell, 23 ta' Lulju 2026
(OR. en)

12131/26

DENLEG 81
FOOD 109
SAN 610

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	22 ta' Lulju 2026
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D115270/02
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'XXX li jemenda r-Regolament (UE) 2023/915 fir-rigward tal-livelli massimi tal-idrokarburi aromatiċi taż-żjut minerali fl-ikel

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument D115270/02.

Mehmuż: D115270/02



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
PLAN/2023/2345
(POOL/E2/2023/2345/2345-EN.docx)
D115270/02
[...](2026) **XXX**

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'XXX

**li jemenda r-Regolament (UE) 2023/915 fir-rigward tal-livelli massimi tal-idrokarburi
aromatiċi taż-żjut minerali fl-ikel**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2023/915 fir-rigward tal-livelli massimi tal-idrokarburi
aromatiċi taż-żjut minerali fl-ikel**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915² jistabbilixxi l-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel.
- (2) L-idrokarburi taż-żjut minerali ("MOH") huma komposti kimiċi li fihom minn 10 sa madwar 50 atomu tal-karbonju, li huma derivati prinċipalment miż-żejt grezz, iżda wkoll prodotti b'mod sintetiku mill-faħam, mill-gass naturali u mill-bijomassa. L-MOH jistgħu jikkontaminaw l-ikel b'ħafna modi, pereżempju permezz ta' lubrikanti għall-makkinarju li jintużaw matul il-ħsad u matul il-produzzjoni tal-ikel, permezz ta' għajnuniet tal-ipproċessar bħal aġenti għar-rilaxx jew leganti tat-trab, permezz ta' addittivi tal-ikel jew tal-għalf, permezz ta' materjali li jiġu f'kontatt mal-ikel, jew permezz ta' kontaminazzjoni ambjentali. L-MOH huma kklassifikati f'żewġ tipi ewlenin: l-idrokarburi saturati taż-żjut minerali ("MOSH") u l-idrokarburi aromatiċi taż-żjut minerali ("MOAH").
- (3) Fl-2012, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adottat opinjoni xjentifika dwar l-idrokarburi taż-żjut minerali fl-ikel³. L-Awtorità kkonkludiet li l-impatt potenzjali fuq is-saħħa tal-bniedem ta' ċerti gruppi ta' sustanzi fost l-MOH ivarja ħafna. L-MOAH jistgħu jaġixxu bħala karċinoġeni ġenotossiċi, filwaqt li ċerti MOSH jistgħu jakkumulaw fit-tessut tal-bniedem u jista' jkollhom effetti negattivi fil-fwied. Għalhekk, l-esponiment għall-MOSH u għall-MOAH mill-ikel huwa ta' tħassib potenzjali.
- (4) Sabiex tinftiehem aħjar il-preżenza relattiva tal-MOSH u tal-MOAH fil-komoditajiet tal-ikel li huma kontributuri ewlenin għall-esponiment djetetiku, bir-Rakkomandazzjoni

¹ ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1993/315/oj>.

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915 tal-25 ta' April 2023 dwar il-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-ikel u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 (ĠU L 119, 5.5.2023, p. 103, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/915/oj>).

³ Il-Bord dwar il-Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel tal-EFSA (CONTAM); Scientific Opinion on mineral oil hydrocarbons in food. EFSA Journal 2012;10(6):2704, <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2012.2704>.

tal-Kummissjoni (UE) 2017/84⁴, lill-Istati Membri, bl-involvement attiv tal-operaturi tan-negozji tal-ikel kif ukoll tal-manifatturi, tal-proċessuri u tad-distributuri ta' materjali li jiġu f'kontatt mal-ikel u ta' partijiet interessati oħra, saritilhom rakkomandazzjoni li jwettqu monitoraġġ tal-preżenza tal-MOH fl-ikel u fil-materjali li jiġu f'kontatt mal-ikel. Barra minn hekk, ġie rakkomandat li, meta l-MOH jiġu identifikati fl-ikel, jenħtieġ li jitwettqu investigazzjonijiet sabiex jiġu ddeterminati s-sorsi tal-kontaminazzjoni u jenħtieġ li jiġu implimentati miżuri biex tiġi evitata l-okkorrenza tal-MOH fl-ikel.

- (5) Filwaqt li qieset id-data l-ġdida dwar l-okkorrenza miġbura wara r-Rakkomandazzjoni (UE) 2017/84 u informazzjoni xjentifika ġdida, fit-12 ta' Lulju 2023 l-Awtorità adottat valutazzjoni tar-riskju aġġornata tal-idrokarburi taż-żjut minerali fl-ikel⁵.
- (6) L-Awtorità kkonkludiet li l-MOSH jistgħu jakkumulaw f'diversi organi, iżda li l-esponiment djetetiku attwali għall-MOSH ma jqajjimx tħassib għas-saħħa tal-bniedem, u dan għall-gruppi tal-età kollha. Fir-rigward tal-MOAH, l-Awtorità kkonkludiet li l-MOAH bi tliet ċrieki aromatiċi jew aktar jistgħu jkunu assoċjati mal-ġenotossicità u mal-karċinoġeniċità. Minħabba nuqqas ta' informazzjoni tossikoloġika dwar l-effetti tal-MOAH b'ċirku aromatu wieħed jew b'żewġ ċrieki aromatiċi, u minħabba l-preżenza tal-MOAH bi tliet ċrieki aromatiċi jew aktar fid-dieta, l-esponiment għall-MOAH totali huwa riskju possibbli għas-saħħa tal-bniedem.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti livelli massimi tal-MOAH fl-ikel biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. Dawk il-livelli massimi jenħtieġ li japplikaw irrISPettivament mis-sors tal-kontaminazzjoni, u dan ifisser li jenħtieġ li japplikaw għall-kontaminazzjonijiet li oriġinarjament kienu preżenti fil-materja prima jew fl-ingredjenti jew li seħħew matul il-proċess tal-produzzjoni, it-trasport u l-imballaġġ. Dan jinkludi wkoll kontaminazzjonijiet tal-ikel minħabba l-użu ta' addittivi tal-ikel awtorizzati iżda kontaminati u ta' materjali li jiġu f'kontatt mal-ikel.
- (8) Mid-data dwar l-okkorrenza u mill-investigazzjonijiet dwar is-sorsi tal-kontaminazzjoni tal-ikel bl-MOAH, sar ċar li fil-biċċa l-kbira tal-ikel l-okkorrenza ta' konċentrazzjonijiet kwantifikabbli tal-MOAH tista' tiġi evitata. Għalhekk, skont il-prinċipju ta' "l-aktar livell baxx li jista' raġonevolment jintlaħaq", il-livelli massimi jenħtieġ li jiġu stabbiliti, fejn possibbli, fil-limitu tal-kwantifikazzjoni. Madankollu, għall-ikel li għalih intwera li ma jistgħux jinkisbu konċentrazzjonijiet taħt il-limitu ta' kwantifikazzjoni, anke meta jiġu applikati Prattiki tajbin, jenħtieġ li jiġu stabbiliti livelli massimi 'l fuq mil-limitu ta' kwantifikazzjoni. Għal dak l-ikel, sabiex jiġi żgurat li l-operaturi tan-negozji tal-ikel jagħmlu sforzi kontinwi biex jidentifikaw u jimplimentaw miżuri ta' mitigazzjoni biex inaqqsu l-kontaminazzjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti skedi ta' żmien ċari biex ikomplu jitnaqqsu l-livelli massimi.
- (9) Peress li l-istudji wrew li t-trasferiment tal-MOAH minn te xott u minn infużjonijiet erbali xotti għajr it-te istantanju jew l-infużjonijiet erbali istantanji lejn ix-xarba ppreparata huwa limitat, jenħtieġ li ma japplika l-ebda livell massimu għal tali te xott u infużjonijiet erbali, sakemm ma jintużawx bħala ingredjent fl-ikel.
- (10) F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2023/915, il-livelli massimi stabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament japplikaw ukoll għall-ikel imnixxef, dilwit,

⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/84 tas-16 ta' Jannar 2017 dwar il-monitoraġġ ta' idrokarburi taż-żejt minerali fl-ikel u fil-materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kontatt mal-ikel (ĠU L 12, 17.1.2017, p. 95, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2017/84/oj>).

⁵ Il-Bord dwar il-Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel tal-EFSA (CONTAM); Scientific Opinion on an update of the risk assessment of mineral oil hydrocarbons in food. EFSA Journal EFSA Journal 2023;21(9):8215, <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2023.8215>.

ipproċessat u kompost, filwaqt li jitqies il-fattur tal-ipproċessar xieraq. Meta jiġi applikat l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2023/915 għall-kalkolu tal-livelli massimi applikabbli għall-MOAH, jistgħu jinkisbu livelli massimi li huma taħt il-limitu ta' kwantifikazzjoni. F'dawk il-każijiet, il-livell massimu applikabbli jenħtieġ li jiżdied sal-limitu ta' kwantifikazzjoni li jista' jinkiseb. Għat-te xott u għall-infużjonijiet erbali xotti għajr it-te istantanju jew l-infużjonijiet erbali istantanji, li fihom jintużaw ħwawar jew ħxejjex aromatiċi mnixxf, jenħtieġ li l-livell massimu li jiġi kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2023/915 ma japplikax sakemm it-te jew l-infużjonijiet erbali ma jintużawx bħala ingredjent fl-ikel.

- (11) Peress li dan ir-Regolament jistabbilixxi livelli massimi speċifiċi applikabbli mill-1 ta' Jannar 2030 għall-ikel ipproċessat u kompost, li fih intużaw ingredjenti li għalihom ġie stabbilit livell massimu, din iż-żieda tal-livell massimu applikabbli għal-limitu ta' kwantifikazzjoni jenħtieġ li tapplika biss sal-31 ta' Diċembru 2029.
- (12) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/915 jiġi emendat kif xieraq.
- (13) Meta jitqies li ċerti oġġetti tal-ikel koperti minn dan ir-Regolament għandhom ħajja fuq l-ixkaffa twila jew jistgħu jiġu pproċessati fi prodotti li jkollhom ħajja fuq l-ixkaffa twila, jenħtieġ li l-oġġetti tal-ikel li jkunu tqiegħdu fis-suq legalment qabel id-data tal-applikazzjoni tal-livell massimu jitħallew jibqgħu fis-suq sad-data tad-durabbiltà minima tagħhom jew sad-data sa meta għandhom jintużaw.
- (14) Jenħtieġ li jiġi pprovdut perjodu ta' żmien raġonevoli għall-operaturi tan-negozji tal-ikel biex ikunu jistgħu jadattaw ruħhom għal-livelli massimi stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2023/915 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 3 jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:
 - “4. Sal-31 ta' Diċembru 2029, għall-idrokarburi aromatiċi taż-żjut minerali (“MOAH”), meta jiġi kkalkolat il-livell massimu applikabbli f'konformità ma' dan l-Artikolu, japplikaw ir-regoli li ġejjin:
 - (a) Jekk il-livell massimu kkalkolat f'konformità ma' dan l-Artikolu jkun taħt il-limitu ta' kwantifikazzjoni ta' 0,50 mg/kg għall-ikel b'kontenut ta' xaħam/żejt iddikjarat jew, fin-nuqqas ta' kontenut ta' xaħam/żejt iddikjarat, b'kontenut ta' xaħam/żejt kif iddeterminat mill-awtorità kompetenti, ta' inqas minn 4 %, il-livell massimu għandu jiżdied għal 0,50 mg/kg.
 - (b) Jekk il-livell massimu kkalkolat f'konformità ma' dan l-Artikolu jkun taħt il-limitu ta' kwantifikazzjoni ta' 1,0 mg/kg għall-ikel b'kontenut iddikjarat ta' xaħam/żejt jew, fin-nuqqas ta' kontenut iddikjarat ta' xaħam/żejt, b'kontenut ta' xaħam/żejt kif iddeterminat mill-awtorità kompetenti, ta' bejn 4 % u 50 %, il-livell massimu għandu jiżdied għal 1,0 mg/kg.
 - (c) Jekk il-livell massimu kkalkolat f'konformità ma' dan l-Artikolu jkun taħt il-limitu ta' kwantifikazzjoni ta' 2,0 mg/kg għall-ikel b'kontenut iddikjarat ta' xaħam/żejt jew, fin-nuqqas ta' kontenut iddikjarat ta' xaħam/żejt, b'kontenut ta' xaħam/żejt kif

iddeterminat mill-awtorità kompetenti, ta' aktar minn 50 %, il-livell massimu għandu jiżdied għal 2,0 mg/kg.

5. Għall-MOAH fit-te u fl-infużjonijiet erbali għajr it-te istantanju jew l-infużjonijiet erbali istantanji, l-ebda livell massimu ma għandu jiġi kkalkolat f'konformità ma' dan l-Artikolu, sakemm it-te jew l-infużjoni erbali ma jintużawx bħala ingredjent fl-ikel.”;
- (2) l-Artikolu 10(1) huwa emendat kif ġej:
 - (a) il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

“L-ikel li jkun tqiegħed fis-suq legalment qabel id-dati msemmija fil-punti (a) sa (u) jista' jibqa' fis-suq sad-data tad-durabbiltà minima tiegħu jew sad-data sa meta għandu jintuża.”;
 - (b) jiżdied il-punt li ġej:

“(u) l-1 ta' Jannar 2027 fir-rigward tal-livelli massimi għall-idrokarburi aromatiċi taż-żjut minerali stabbiliti fit-Taqsima 5.5 tal-Anness I jew, jekk tidher data tal-applikazzjoni speċifika fit-Taqsima 5.5, sa dik id-data.”.
- (3) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2027.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN